# *Messaġġ mill-Membru*

Omar Xuereb



# Il-Maġġur Anthony Aquilina 100 Sena mit-Twelid

Il-Maġġur Anthony Aquilina twieled f'Ħaż-Żebbuġ fl-1906 u ta' età żgħira beda jistudja l-klarinett. Ix-xewqa tiegħu kienet li jkompli jistudja l-mużika u kompla javanza l-istudji tiegħu mas-Surmast Aurelio Doncich tal-Banda King's Own tal-Belt Valletta. Meta s-Surmast Aquilina daħal fl-armata, ġie rakkomandat biex ikompli l-istudji tiegħu fl-Ingilterra. Fil-fatt hekk ġara u fl-Ingilterra, is-Surmast Aquilina studja l-istrumentazzjoni, id-direzzjoni u l-kompożizzjoni. Meta ġie Malta, ħa f'idejh it-tmexxija tal-Banda tar-*Royal Artillery*.

L-ewwel banda mhix militari li dderieġa kienet l-Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara. F'dan iż-żmien, beda jikkomponi bosta marċi li għadhom magħrufin sa llum fosthom *Fiorentina*, *Il Bozen* u *Ta' Gerrew*. Nistgħu ngħidu li wieħed mill-aktar marċi li baqa' għal qalb il-Karkariżi kien *Come on the Stripes*.

Fis-sena 1956, il-Maġġur Aquilina ħa t-tmexxija tal-Banda King's Own tal-Belt Valletta u dam għal sittax-il sena sħaħ ma' din il-banda. Ma setax jonqos li f'dawn iż-żminijiet il-Maġġur Aquilina kiteb ħafna marċi sbieħ u melodjużi u fosthom insemmu: *Mona*, *Forza Censina*, *Fonzu u Peppina*, *Granada*, *Muleta*, *The Guitarreros* u *The Lillywhites*.

L-aktar marċ li kien għal qalb is-Surmast Anthony Aquilina kien iġib l-isem ta' *Balfrendozan*. Dan l-isem mhu xejn ħlief żewġ kunjomijiet magħqudin f'kelma waħda li huma Balzan u Frendo. Dawn kienu żewġ ammiraturi u ħbieb kbar tal-Maġġur Aquilina. Tant kien għal qalbu li hu stess ried li fil-funeral tiegħu jindaqq dan il-marċ kif fil-fatt ġara.

Il-Maġġur Aquilina kien ukoll konsulent mużikali mal-kumpannija tar-*Redifusion* u kien jippreżenta wkoll mużika klassika fuq diversi programmi.

Meta rtira minn surmast tal-Banda Kings' Own, is-Surmast Anthony Aquilina, ġie avviċinat biex jieħu f'idejh u jgħaqqad il-Banda Sant'Antnin ta' Birkirkara, banda ġdida għal kollox. Dan kien fis-sena 1983.

L-aħħar marċ li kiteb is-Surmast Aquilina jġib l-isem ta' *Marie Louise* u ndaqq mill-Banda Leone fl-1987.

Il-Maġġur Anthony Aquilina miet nhar il-21 ta' Settembru 1985 u l-funeral tiegħu sar nhar il-24 ta' Settembru akkumpanjat mill-Banda Sant'Antnin ta' Birkirkara. Kienu ġew jagħtuh l-aħħar tislima ħafna ammiraturi tiegħu u fuq kollox kien hemm diversi standardi ta' baned Maltin u Għawdxin. Jinsab midfun fl-oqbra tal-Banda Kings' Own fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.



*Omar Xuereb fil-ġurnata li rċieva s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof mal-parrinu tiegħu l-Maġġur Anthony Aquilina flimkien ma' Mons. Xuereb, li kien il-Vigarju Ġenerali ta' l-Arċisqof.*